MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 324/2008

Kawza fil-lista: 17

**A B**
**vs**
**C E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu huwa ppremetta: li l-partijiet izzewwgu fl-1 ta' Ottubru 1994, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt-it tfal; li l-kunsens matrimonjali ta' l-attrici kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [a], u dak tal-konvenut, fit-termini tal-paragrafi [d][f] u [h] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta; u ghalhekk qed jitlob li dan iz-zwieg jigi dikjarat null minn din il-Qorti;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut, filwaqt li ddikjara li jaqbel li z-zwieg huwa null, jattribwixxi l-htija unikament lill-attrici, u li "dak kollu li r-rikorrenti attribwiet lill-esponenti, huwa fir-realta' attribwibbli lill-istess rikorrenti.";

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fl-1 ta' Ottubru 1994 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali taghha u tal-konvenut kien vizzjat kif fuq indikat.

Minn naha tieghu l-konvenut jattribwixxi l-htija unikament lill-attrici u jirreciproka dak attribwit lilu.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fl-1 ta' Ottubru 1994 meta allura l-partijiet kellhom 20 sena, l-attrici kellha circa hames xhur tqala, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien ghal perijodu ta' anqas minn sentejn. F' dan iz-zwieg twieldu zewgt-it tfal: fis-19 ta' Frar 1995 u fit-22 ta' Lulju 1996. Wara konvivenza turbolenti ta' circa tlettax-il sena l-partijiet isseparaw.

*Verzjoni Attrici*
L-attrici tghid li matul l-gherusija huma kienu jaghmlu l-att taz-zwieg, u kienet thalli f' idejn il-konvenut, allura n-namrat taghha, sabiex joqghod attent biex hi ma tohrogx tqila. Irrizulta li wara ftit zmien l-attrici harget tqila, u ttiehdet id-decizjoni li jizzewwgu sabiex it-tarbija titrabba go familja. Minn naha tieghu, il-konvenut, f' diskussjoni li kellhom dwar it-tieg qallha: "…li trid ghamel. Hu qalli anke jekk ma tridx li nizzewwgu u npoggu, npoggu."[1]

[1] Fol.69

Illi malli zzewggu bdew jinqalghu l-problemi minhabba l-atteggjament tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici. Huwa kien dominanti u rispostuz. Tghid li l-konvenut ma kellux sens ta' responsabbilita' u qatt ma kien jispicca progett mibdi minnu; kien indifferenti ghal bzonnijiet taghha, u ghar-responsabbilita' tal-hajja ta' kuljum; u kien jammetti maghha li kellu kunfidenzi ma' nisa ohra fuq il-post tax-xoghol tieghu.

Sadanittant, ghalkemm il-konvenut kellu joqghod attent fir-relazzjonijiet intimi sabiex l-attrici ma tergax tinqabad tqila, hija regghet harget tqila fi zmien vicin wisq tat-twelid ta' l-ewwel tarbija, meta l-partijiet kienu ghadhom lanqas bdew jissettiljaw ghaz-zwieg. Sadanittant huma kienu qed joqghodu mal-genituri ta' l-attrici.

F' dawn ic-cirkostanzi fattwali, ir-relazzjoni konjugali ta' bejn il-partijet kienet qed tiddeterjora progressivament, u dan kien jaffettwa r-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom li naqsu wara t-twelid tat-tieni tarbija. L-attrici tghid li l-konvenut kien ikun riluttanti ghall-att taz-zwieg meta hi kienet tavvicinah, tant li kienet iddecidiet li ma tavvicinahx aktar. Tghid li meta kien isir l-att taz-zwieg, dan kien isir minghajr sens ta' affezzjoni da parti tal-konvenut.

Eventwalment missier-l attrici marad u ommha kecciethom minn darha, stante li l-genituri ta' l-attrici ma felhux aktar ghall-inkwiet matrimonjali bejn il-partijiet. Konsegwentement, l-ahhar tlett snin tal-konvivenza matrimonjali, il-partijiet kienu ghexu ghal rashom. L-attrici tishaq li l-konvenut kien insensittiv fil-konfront taghha, u li, bil-komportament tieghu, kien juri li waqt il-konvivenza matrimonjali huwa kien imdejjah hafna; tant li hekk kif iffirmaw is-separazzjoni, huwa qallha d-diskors "Fl-ahhar hlist minnek."[2] Tghid ukoll li, ftit granet wara s-separazzjoni, hija saret taf li l-konvenut beda jiffrekwenta mara ohra.

---

[2] Fol.59

*Verzjoni Konvenut*
Il-konvenut jaqbel li fiz-zmien tan-namur huma ma kellhomx il-hsieb li jizzewwgu, u kien biss wara li l-attrici skopriet li kienet harget tqila li ttiehdet id-decizjoni li jizzewwgu. Da parti tieghu l-konvenut ma kienitx taghmillu differenza jekk jizzewwgux, jew inkella, jikkoabitawx biss, izda l-attrici u l-familja taghha riedu li l-partijiet jizzewwgu. Jghid li hu f' dak iz-zmien kien ghadu mohh ir-rih, u ma kienx enstuzjasta bil-proposta taz-zwieg, izda xorta wahda accetta, kif accetta wkoll li, wara z-zwieg, jimorru jghixu mal-genituri ta' l-attrici.

Meta l-partijiet bdew jghixu fid-dar tal-genituri ta' l-attrici, kienu jinqalghu hafna argumenti li kienu jaffettwaw il-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet. Il-konvenut jilmenta mill-indhil esagerat mill-genituri ta' l-attrici, partikolarment minn ommha. Jghid li hu qatt ma hassu komdu jghix hemm minhabba l-indhil tal-familja taghha, u li hu kellu jbaxxi rasu ghal dak kollu li riedu huma, anke f' decizjonijiet li suppost ittiehdu bejn il-partijiet wahedhom.

Jghid li hu qatt ma seta' jaghmel dak li ried hu; u "dejjem qisna bl-argumenti fuq xi haga"[3]; Inoltre, ghalkemm huwa kien insista ma' l-attrici, allura martu, sabiex imorru jghixu ghar-rashom, dina dejjem irrifjutat, sakemm fl-ahhar il-konvenut ma setghax jissaporti aktar, u telaq mid-dar konjugali u mar jghix ghand ommu. Wara ftit pero' l-affarijiet ittrangaw u l-konvenut accetta li jerga' jmur jghix mal-genituri taghha, izda din id-darba omm l-attrici ma kienitx lesta li terga' tilqaghhom go darha, u eventwalment il-partijiet sabu post u marru jghixu ghar-rashom.

Illi, f' dan l-istadju l-hajja matrimonjali kienet diga' ddeterjorat bil-bosta, u r-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom kienu saru aktar rari; u, ghalhekk, nonostante li ssa l-partijiet kienu qed jikkonvivu wahedhom, xorta wahda kompla l-inkwiet bejniethom, ghax l-attrici riedet li tmur tghix ghand ommha. Di fatti, okkazzjoni minnhom telqet

[3] Fol.102

mid-dar konjugali bit-tfal, u regghet marret tghix lura mal-genituri taghha.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Qorti tosserva li dan kien zwieg li qatt ma messu gie kuntrattat. Sar biex jitghatta zball, bir-rizultat li l-partijiet sabu ruhhom f' unjoni permanenti, meta manifestament ma kellhomx il-kapacita' li jistabbilixxu bejniethom komunjoni ta' hajja u mhabba.

Barra minnhekk sar zball iehor meta huma ma marrux jghixu ghar-rashom biex jipprovaw jifformaw nukleju gdid, izda baqghu f' ambjent li, mhux biss ma ghenx lill-partjiet, izda rrizulta li kien ta' ostakolu serju ghal dan il-ghan.

Il-provi juru li z-zewg partijiet kienu nkapaci li jassumu l-obbligi naxxenti minn unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku. Il-karattru u l-immaturita' tal-konvenut li sab ruhu kostrett li jaccetta li jizzewweg lill-attrici, minn naha wahda, u l-immaturita' ta' l-attrici minn naha l-ohra li, nonostante li dahlet f' unjoni separata, hija baqghet tinsisti sabiex dawn jibqghu jghixu mal-genituri taghha, meta dak l-ambjent kien ta' ostakolu car sabiex il-partijiet jiffrumaw nukleju familjari separat ghalihom; dawn il-fatturi rrendew il-kunsens matrimonjali taghhom vizzjat fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat. Il-Qorti tosserva li, ghalkemm tifhem li kien aktar komdu ghall-attrici, li kienet ghadha zghira fl-eta' u li kellha l-ghajnuna u l-appogg kontinwu, debitu u ndebitu, ta' ommha, li tibqa' tghix fid-dar tal-genituri taghha, izda mill-banda l-ohra, perusna li tkun dahhlet f' unjoni matrimonjali ghandha tiffittex li tistabbilixxi mal-konjugi l-iehor dik l-unjoni esklussiva, minghajr indhil ta' terzi, li tifforma nukleju familjari gdid u separat.

Illi, anke l-fatt stess li, ftit taz-zmien wara li kellhom l-ewwel tarbija, l-attrici regghet inqabdet tqila bit-tieni wild, meta l-partijiet zgur li ma kienux ghadhom stabbilixxew ruhhom fiz-zwieg, hija ndikazzjoni ta' l-immaturita' da parti taghhom.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, skond l-artikolu 19[1][d] tal-Kap.255, u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partjiiet fl-1 ta' Ottubru 1994.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------